# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 418/2014 CSH**

**Aceline Entertainment Ltd (C-36683)**

**vs**

**Executive Services Ltd (C-6533)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-22 ta' Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€5,325) rapprezentanti drittijiet dovuti lis-socjeta' rikorrenti ghal servizzi ta' reklamar illi ghalihom is-socjeta' intimata kellha thallas fi flus u in natura izda illi minnhom is-socjeta' rikorrenti baqghalha tithallas is-somma reklamata u dana stante illi la hallset is-somom in kontanti dovuti lis-socjeta' rikorrenti u lanqas hallset is-somma in natura dovuta lilha u dana kif jirrizulta mit-tliet (3) fatturi annessi u mmarkati Dok. A, Dok. B u Dok.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata illi minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Executive Services Limited (C-6533) ipprezentata fl-24 ta' Frar 2015 fejn esponiet:

1. *Illi t-talba kontenuta fl-ismijiet permessi hija fondata fil-fatt u fid-dritt u s-socjeta' esponenti qed tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta' attrici;*

2. *Illi minghajr pregudizju ghas-suespost l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici, u cioe' is-somma ta' hamest elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€5,325), mhux dovut mis-socjeta' esponenti;*

3. *Illi s-socjeta' esponenti ma tistax tifhem x'inhi l-konessjoni li hemm bejnha u bejn il-fattura annessa u mmarkata bhala Dok. A. u cioe' negozju illi sar bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), b'dana illi ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika f'dan ir-rigward bejniethom;*

*Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez."*

Rat ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata mis-socjeta' konvenuta fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Frar 2016 (fol. 71).

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' it-talba attrici fuq ammissjoni tal-istess socjeta' konvenuta, b'dan illi qed tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€5,325) kif imsemmija fir-rikors promotur u dan ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija.**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta' konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**